# <u>Talba ta’ Ruħ Namrata</u>

Mulej Alla Maħbub tiegħi! Jekk inti għadek tiftakar dnubieti u għalhekk m’intix tagħmel dak li dejjem nitolbok bil-ħniena, agħmel dwarhom, ir-rieda tiegħek, Alla tiegħi, għax dan huwa dak li l-aktar nixtieq; u ħaddem it-tjubija u l-ħniena tiegħek, u Int tkun magħruf fihom. U jekk qiegħed tistenna l-opri tiegħi, sabiex bis-saħħa tagħhom tisma’ t-talb tiegħi, agħtihomli u agħmilhom fija Int, u qiegħed fuqi t-tbatijiet li Inti trid tilqa’ minn għandi, u ħa tkun magħmula r-rieda tiegħek. U jekk qiegħed tistenna l-opri tiegħi, x’inti qatt tistenna, o Mulej l-aktar ħanin? Għaliex qiegħed ittawwal? Jekk wara kollox, huma l-grazzja u l-ħniena li qiegħed nitolbok minn qalbi f’Ibnek, ħu l-offerta żgħira tiegħi, ladarba Int tridha; u agħtini din il-ħaġa tajba, ladarba inti tridha wkoll.

Min jista’ jeħles lilu nnifsu mil-limitazzjonijiet u l-imġiba baxxa tiegħu, jekk ma tkunx Int li terfgħu sa għandek, f’safa ta’ mħabba, o Alla tiegħi? Kif jista’ jogħla sa għandek, Mulej, il-bniedem li huwa mnissel u mrobbi fil-baxxezza ta’ din l-art, jekk ma terfgħux Int bl-id li biha ħlaqtu?

Int mhux sejjer teħodli, o Alla tiegħi, dak li darba tajtni f’Ibnek il-Waħdieni Ġesù Kristu, li fih tajtni dak kollu li nixtieq; għalhekk nifraħ li Int ma ddumx, jekk nistenniek.

Għaliex, ruħ tiegħi, togħod tistenna, ladarba minn issa stess tista’ tħobb lil Alla f’qalbek?

Tiegħi huma s-smewwiet, u tiegħi hija l-art. Tiegħi huma l-bnedmin ta’ kull ġens: it-tajbin huma tiegħi u tiegħi huma l-midinbin; l-anġli huma tiegħi u l-Omm ta’ Alla, u l-ħwejjeġ kollha huma tiegħi; u Alla nnifsu hu tiegħi u għalija għax Kristu huwa tiegħi u kollu għalija. - X’inti, mela titlob, u tfittex, o ruħ tiegħi? Tiegħek huwa dan kollu u kollu huwa għalik! La tħarisx lejk innifsek bħala xi ħaġa li ma tiswiex, u tkunx hieni bil-frak biss li jaqa’ mill-mejda ta’ Missierek. Oħroġ barra minnhom u tkabbar bil-glorja tiegħek! Staħba fiha u ifraħ, u taqla’ dak kollu li tixtieq qalbek.

S. Ġwann tas-Salib, Talba ta’ ruħ namrata